



Kunsill  
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 18 ta' Settembru 2023  
(OR. en)

12333/23

LIMITE

CORLX 803  
CFSP/PESC 1150  
CONOP 69

#### ATTI LEĠISLATIVI U STRUMENTI OĦRA

---

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar appoġġ tal-Unjoni għall-attivitajiet tal-Kummissjoni Preparatorja tal-Organizzazzjoni tat-Trattat dwar il-Projbizzjoni Totali ta' Provi Nukleari (CTBTO) sabiex issaħħaħ il-kapaċitajiet tagħha ta' monitoraġġ u ta' verifika

---

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2023/...**

ta' ...

**dwar appoġġ tal-Unjoni għall-attivitajiet tal-Kummissjoni Preparatorja  
tal-Organizzazzjoni tat-Trattat dwar il-Projbizzjoni Totali ta' Provi Nukleari (CTBTO)  
sabiex issaħħaħ il-kapaċitajiet tagħha ta' monitoraġġ u ta' verifika**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 28(1) u 31(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fit-12 ta' Diċembru 2003, il-Kunsill Ewropew adotta l-Istrateġija tal-UE kontra l-Proliferazzjoni tal-Armi ta' Qerda Massiva ("l-Istrateġija"). Il-Kapitolu III tal-Istrateġija fih lista ta' miżuri li jeħtieġ li jittieħdu biex tiġi miġġielda tali proliferazzjoni.
- (2) L-Unjoni qed timplimenta b'mod attiv l-Istrateġija u qed tagħti effett lill-miżuri elenkati fil-Kapitolu III tagħha, b'mod partikolari billi jiġu rilaxxati rizersi finanzjarji b'appoġġ għal proġetti speċifiċi mmexxija minn istituzzjonijiet multilaterali, bħas-Segretarjat Tekniku Proviżorju tal-Organizzazzjoni tat-Trattat dwar il-Projbizzjoni Totali ta' Provi Nukleari (CTBTO).
- (3) L-Istati Firmatarji għat-Trattat dwar il-Projbizzjoni Totali ta' Provi Nukleari (CTBT) iddeċidew li jistabbilixxu Kummissjoni Preparatorja, mogħnija b'kapaċità ġuridika u li jkollha prestiġġju bħala organizzazzjoni internazzjonali, biex twettaq l-implimentazzjoni effettiva tas-CTBT, sa meta tiġi stabbilita s-CTBTO.
- (4) Id-dħul fis-seħħ bikri u l-universalizzazzjoni tas-CTBT u t-tisħiħ tas-sistema ta' monitoraġġ u ta' verifika tal-Kummissjoni Preparatorja tas-CTBTO huma objettivi importanti tal-Istrateġija.

- (5) Is-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti stqarr f'*Securing Our Common Future: An Aġenda for Disarmament*' (Nassiguraw il-Futur Komuni Tagħna: Aġenda għad-Diżarm) li bir-restrizzjoni tal-iżvilupp ta' tipi ġodda u avvanzati ta' armi nukleari, is-CTBT rażżan it-tellieqa tal-armi u li huwa jservi wkoll ta' ostaklu normattiv b'saħħtu kontra l-Istati potenzjali li jistgħu jfittxu li jiżviluppaw, jimmanifatturaw u sussegwentement jakkwistaw armi nukleari bi ksur tal-impenji tagħhom ta' nonproliferażżjoni.
- (6) Il-Boxxla Strateġika dwar is-Sigurtà u d-Difiża tal-2022 tirreferi għat-theddida persistenti tal-proliferażżjoni tal-armi ta' qerda massiva u l-mezzi ta' kunsinna tagħhom, il-ħażniet ta' armi nukleari dejjem jikbru, l-iżvilupp ta' sistemi ġodda ta' armi kif ukoll l-użu ta' theddid nukleari minn xi pajjiżi, u tesprimi l-oġettiv tal-Unjoni li ssaħħaħ azzjonijiet konkreti b'appoġġ għall-ġhanijiet tad-diżarm, in-nonproliferażżjoni u l-kontroll tal-armi.

- (7) Fil-qafas tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija, il-Kunsill adotta tliet Azzjonijiet Konġunti u ħames Deċiżjonijiet dwar l-appoġġ għal attivitajiet tal-Kummissjoni Preparatorja tas-CTBTO, jġigifieri l-Azzjonijiet Konġunti 2006/243/PESK<sup>1</sup>, 2007/468/PESK<sup>2</sup> u 2008/588/PESK<sup>3</sup>, u d-Deċiżjonijiet 2010/461/PESK<sup>4</sup>, 2012/699/PESK<sup>5</sup>, (PESK) 2015/1837<sup>6</sup>, (PESK) 2018/298<sup>7</sup> u (PESK) 2020/901<sup>8</sup>. Dak l-appoġġ tal-Unjoni jenħtieġ li jitkompla.

---

<sup>1</sup> Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2006/243/PESK tal-20 ta' Marzu 2006 dwar sostenn għall-attivitajiet tal-Kummissjoni Preparatorja tal-Organizzazzjoni tat-Trattat dwar il-Projbizzjoni Komprensiva tal-Provi Nukleari (CTBTO) fil-qasam tat-taħriġ u tal-iżvilupp ta' kapaċitajiet għall-verifika u fil-qafas tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE kontra l-Proliferazzjoni ta' Armi ta' Distruzzjoni Massiva (ĠU L 88, 25.3.2006, p. 68).

<sup>2</sup> Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2007/468/PESK tat-28 ta' Ġunju 2007 dwar appoġġ għall-attivitajiet tal-Kummissjoni Preparatorja tal-Organizzazzjoni tat-Trattat dwar il-Projbizzjoni Komprensiva tal-Provi Nukleari (CTBTO) sabiex jissaħħu l-kapaċitajiet ta' monitoraġġ u verifikazzjoni tagħha u fil-qafas tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE kontra l-Proliferazzjoni ta' Armi ta' Qerda tal-Massa. (ĠU L 176, 6.7.2007, p. 31).

<sup>3</sup> Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2008/588/PESK tal-15 ta' Lulju 2008 dwar appoġġ għall-attivitajiet tal-Kummissjoni Preparatorja tal-Organizzazzjoni tat-Trattat dwar il-Projbizzjoni Totali ta' Provi Nukleari (CTBTO) sabiex issaħħaħ il-kapaċitajiet ta' monitoraġġ u verifika tagħha u fil-qafas tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE kontra l-Proliferazzjoni tal-Armi ta' Qerda tal-Massa (ĠU L 189, 17.7.2008, p. 28).

<sup>4</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/461/PESK tas-26 ta' Lulju 2010 dwar appoġġ għall-attivitajiet tal-Kummissjoni Preparatorja tal-Organizzazzjoni tat-Trattat dwar il-Projbizzjoni Totali tal-Provi Nukleari (CTBTO) sabiex issaħħaħ il-kapaċitajiet ta' monitoraġġ u verifika tagħha u fil-qafas tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE kontra l-Proliferazzjoni tal-Armi ta' Qerda Massiva (ĠU L 219, 20.8.2010, p. 7).

<sup>5</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/699/PESK tat-13 ta' Novembru 2012 dwar l-appoġġ tal-Unjoni għall-attivitajiet tal-Kummissjoni Preparatorja tal-Organizzazzjoni tat-Trattat dwar il-Projbizzjoni Totali ta' Provi Nukleari sabiex issaħħaħ il-kapaċitajiet ta' monitoraġġ u verifika tagħha u fil-qafas tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE kontra l-Proliferazzjoni tal-Armi ta' Qerda Massiva (ĠU L 314, 14.11.2012, p. 27).

<sup>6</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/1837 tat-12 ta' Ottubru 2015 dwar l-appoġġ tal-Unjoni għall-attivitajiet tal-Kummissjoni Preparatorja tal-Organizzazzjoni tat-Trattat dwar il-Projbizzjoni Totali ta' Provi Nukleari (CTBTO) sabiex issaħħaħ il-kapaċitajiet tagħha ta' monitoraġġ u ta' verifika u fil-qafas tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE kontra l-Proliferazzjoni tal-Armi ta' Qerda Massiva (ĠU L 266, 13.10.2015, p. 83).

<sup>7</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/298 tas-26 ta' Frar 2018 dwar l-appoġġ tal-Unjoni għall-attivitajiet tal-Kummissjoni Preparatorja għall-Organizzazzjoni tat-Trattat dwar il-Projbizzjoni Totali ta' Provi Nukleari (CTBTO) sabiex issaħħaħ il-kapaċitajiet tagħha ta' monitoraġġ u ta' verifika u fil-qafas tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE kontra l-Proliferazzjoni tal-Armi ta' Qerda Massiva (ĠU L 56, 28.2.2018, p. 34).

<sup>8</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2020/901 tad-29 ta' Ġunju 2020 dwar l-appoġġ tal-Unjoni għall-attivitajiet tal-Kummissjoni Preparatorja tal-Organizzazzjoni tat-Trattat dwar il-Projbizzjoni Totali ta' Provi Nukleari (CTBTO) sabiex issaħħaħ il-kapaċitajiet tagħha ta' monitoraġġ u ta' verifika u fil-qafas tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE kontra l-Proliferazzjoni tal-Armi ta' Qerda Massiva (ĠU L 207, 30.6.2020, p. 15)

- (8) L-implimentazzjoni teknika ta' din id-Deċiżjoni jenħtieġ li tiġi fdata lill-Kummissjoni Preparatorja tas-CTBTO li, abbażi tal-għarfien espert u l-kapaċitajiet uniċi tagħha bis-saħħa tan-network tas-Sistema ta' Monitoraġġ Internazzjonali (IMS), li tinkludi aktar minn 337 faċilità madwar id-dinja, u taċ-Ċentru Internazzjonali tad-Data (IDC), hija l-unika organizzazzjoni internazzjonali li għandha l-kapaċità u l-leġittimità li timplimenta din id-Deċiżjoni. L-azzjoni kif appoġġata mill-Unjoni tista' tiġi ffinanzjata biss permezz ta' kontribuzzjoni ekstrasbaġitarja lill-Kummissjoni Preparatorja tas-CTBTO.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

### *Artikolu 1*

1. Bil-ħsieb tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija, l-Istrateġija Globali tal-UE għall-Politika Estera u ta' Sigurtà tal-Unjoni Ewropea u l-Boxxla Strateġika dwar is-Sigurtà u d-Difiża, l-Unjoni għandha tagħti aktar appoġġ lill-attivitajiet tal-Kummissjoni Preparatorja tas-CTBTO permezz ta' azzjoni operazzjonali.
2. L-objettivi tal-azzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandhom ikunu li:
  - (a) jissaħħu l-kapaċitajiet tas-sistema ta' monitoraġġ u ta' verifika tas-CTBT;
  - (b) jissaħħu l-kapaċitajiet tal-Istati Firmatarji għas-CTBT biex jissodisfaw ir-responsabbiltajiet tagħhom ta' verifika taħt is-CTBT u biex ikunu jistgħu jibbenefikaw bis-sħiħ mill-parteċipazzjoni tagħhom fir-reġim tas-CTBT;
  - (c) titqajjem kuxjenza dwar is-CTBT u tippromwovi l-universalizzazzjoni u d-dħul fis-seħħ tiegħu.
3. Deskrizzjoni dettaljata tal-azzjoni tinsab fl-Anness.

### *Artikolu 2*

1. Ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika dwar is-Sigurtà (ir-“Rappreżentant Għoli) għandu jkun responsabbli għall-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.
2. L-implimentazzjoni teknika tal-azzjoni msemmija fl-Artikolu 1 għandha titwettaq mill-Kummissjoni Preparatorja tas-CTBTO.

3. Il-Kummissjoni Preparatorja tas-CTBTO għandha twettaq dak il-kompitu taħt ir-responsabbiltà tar-Rappreżentant Għoli. Għal dak il-għan, ir-Rappreżentant Għoli għandu jidħol fl-arranġamenti meħtieġa mal-Kummissjoni Preparatorja tas-CTBTO.

### *Artikolu 3*

1. L-ammont ta' referenza finanzjarja għall-implimentazzjoni tal-azzjoni iffinanzjata mill-Unjoni li tisemma fl-Artikolu 1 għandu jkun ta' ....
2. In-nefqa ffinanzjata mill-ammont ta' referenza stipulat fil-paragrafu 1 għandu jkun amministrat f'konformità mar-regoli u l-proċeduri applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni.
3. Il-Kummissjoni għandha tissorvelja l-amministrazzjoni tajba tan-nefqa ffinanzjata mill-ammont imsemmi fil-paragrafu 1. Għal dak il-għan, hija għandha tikkonkludi ftehim ta' kontribuzzjoni mal-Kummissjoni Preparatorja tas-CTBTO. Il-ftehimiet ta' kontribuzzjoni għandhom jistipulaw li l-Kummissjoni Preparatorja tas-CTBTO għandha tiżgura l-viżibbiltà tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni, b'mod xieraq għad-daqs tagħha.
4. Il-Kummissjoni għandha tagħmel ħilitha biex tikkonkludi l-ftehim imsemmi fil-paragrafu 3 malajr kemm jista' jkun wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni. Hija għandha tinforma lill-Kunsill bi kwalunkwe diffikultà f'dak il-proċess u bid-data tal-konklużjoni tal-ftehim.

*Artikolu 4*

1. Ir-RGħ għandu jirrapporta lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni abbażi ta' rapporti regolari mill-Kummissjoni Preparatorja tas-CTBTO. Ir-rapporti għandhom jiffurmaw il-bażi għall-evalwazzjoni mwettqa mill-Kunsill.
2. Il-Kummissjoni għandha tipprovdi informazzjoni dwar l-aspetti finanzjarji tal-implimentazzjoni tal-azzjoni msemmija fl-Artikolu 1.

*Artikolu 5*

1. Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.
2. Din id-Deċiżjoni għandha tiskadi 36 xahar wara l-konklużjoni tal-ftehim imsemmi fl-Artikolu 3(3). Madankollu, għandha tiskadi sitt xhur wara d-data tad-dħul fis-seħħ jekk ma jkun ġie konkluż ebda ftehim f'dak il-perjodu.

Magħmul fi ...,

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

---